MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Numru 69/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Vs**

Glen Charles Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Glen Charles Bonnici ta' karta ta' identita' numru 551685(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-17 u t-18 ta' Dicembru, 2005;

a) minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) rrifjuta jaghti, jew ta falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kuljomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat li kellu fil-pussess tieghu zewg karti foloz ta' Lm10 il-wahda u wkoll li ma tahx il-partikolaritajiet tieghu kompleti lill-Pulizija.

Ghal dawn l-offizi l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u nkondizjonata.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni li hi wkoll riflessa fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija, dina l-Qorti qed issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Fir-rigward piena rat l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u l-Artikolu 338(g) u 17 tal-Kap 9 u wkoll semghet lir-rapprezentant tal-Agenzija Sedqa u tiddecidi li tapplika kontra l-imputat l-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------